**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 167, 169, 183, 184, 298(1)(f), 298B (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 60 (a) (b) (c ) (k); l-Artikolu 62 (a) (b) ( c ) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, u l-Artikoli 16 (j) u 17 tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta; u wkoll bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998) u Kap. 336 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur ta l-Artikolu 62 ( a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u 7 (1), u 12 (1) ta' Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni tal-Prodott Lokali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Il-Pulizija (Spettur Bernard Zarb)**

**Vs**

**RITA SPITERI**

**(I.D. 451980M)**

**Illum 14 ta' Novembru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **RITA SPITERI** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 451980M tressqet quddiemha akkuzata talli fit-2 ta' Mejju 2002 fir-residenza taghha f'San Giljan, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghall-bejgh, jew importat ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT;

2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor ipproduciet jew ikkoppjat jew bieghet, qassmet jew mod iehor offriet ghall-bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' sigaretti tal-marka Rothmans Blue KSFT bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' l-Pall Mall Ltd of UK u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' BCGL Advocates rapprezentata minn Dr. Andrew Borg Cardona LL.D. et hija rapprezentanti, protetti bil- jew that il-Ligi ta' Malta;

3. Fl-istess zmien, iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehe djista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jw rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' l-boll tas-SISA/dazju fuq il-pakkett tas-sigaretti;

4. U xjentement ghamel uzu minn dawn id-dokumenti;

5. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe' boll tas-SISA/dazju li jappartjenu lill-Gvern ta' Malta, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi war ali jkunu gew iffurmati, inkella billi

ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

6. Kif ukoll talli ghamlet xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

7. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, tal-Kummissarju tal-VAT u tad-Direttur Generali ghad-Divizjoni tal-kummerc giet akkuzata talli fit-2 ta' Mejju 2002 wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tal-Pulizija fl-imsemmija residenza ta' Rita Spiteri, irrizulta illi, fil-perjodu ta' dan iz-zmien imsemmi, flimkien ma' ohrajn u/jew bil-komplicita' u l-koperazzjoni ta' persuna jew persuni ohra, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghaliha nnifisha u/jew ghal haddiehor, kontra l-ligi, u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement giet fil-pussess ta' sigaretti bla dazju, liema sigaretti kienu *counterfeit* u bil-faxxa tad-dazju tas-sisa (banderole) falsifikata, u dan fi kwantita' kif jidher hawn taht:

i. 17-il pakkett b'ghoxrin sigarett kull pakkett – Rothmans Blue (b'replika ta' 60cents 3 mils Government Excise Stamp);
ii. pakkett b'ghoxrin sigarett – Rothmans Blue (b'replika ta' 67cents 1mil Government Excise Stamp);
iii. pakkett bi tliet sigarett – Rothmans Blue;
iv. pakkett bi 11-il sigarett – Rothmans Blue;

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm5.00,0 | Lm14.46,0 | Lm2.70,0 | Lm2.26,0 |

8. Talli wkoll fl-istess perjodu ta' zmien, post u cirkostanzi, xjentement kellha b'xi mod x'taqsam filli b'xi mod iddisponiet kontra l-ligi minn sigaretti ta' din ix-xorta, fi kwantita' kif jidher hawn that u dan bil-hsieb illi bil-qerq setghet

tahrab milli thallas id-dazju u/jew xi xorta ohra ta' taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

i. 30 kartuna b'200 sigarett kull kartuna – Rothmans Blue

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm75.00,0 | Lm216.90,0 | Lm49.50,0 | Lm33.90,0 |

ii. 263 pakkett b'ghoxrin sigrarett kull pakkett – Rothmans Blue (b'replika ta' 60cents 3mils Government Excise Stamp)

| Valur | Dazju tas-SISA | V.A.T. | Taxxa Imposta |
|---|---|---|---|
| Lm145.75,0 | Lm421.50,0 | Lm95.60,0 | Lm65.88,0 |

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristrettiu/jew limitati, ghandhom valur totali ta' Lm145.75,0 u Dazju tas-Sisa dovut ta' Lm421.50,0 u wkoll Taxxa Imposta (Levy) u Taxxa fuq il-VAlur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm65.88,0 u Lm 95.60,0 rispettivament;

9. Talli wkoll fl-istess perjodu ta' zmien hajjret, ghenet jew assistiet l-ghemil tar-reati hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-akkuzat ghall-

hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' estratt mill-att tat-Twelid tal-imputata (fol. 10), Fedina Penali (fol. 11), u Kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 12).

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi fis-6 ta' Mejju, 2005 xehed **Joseph Borg** ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana u esebixxa '*letter to prosecute'* li giet immarkata Dok. JBA1 li fuqha gharaf il-firma tal-Kontrollur tad-Dwana. In oltre esebixxa formalment ghoxrin (20) pakkett sigarett tal-marka Rothmans blu, kif ukoll mitejn u tlieta u sittin (263) pakkett tas-sigaretti lkoll tal-marka Rothmans blu. Dawn gew esebiti formalment bhala Dok. JBA2 u kienu mizmuma d-Dwana.

In kontro-ezami kkonferma li materjalment dawn l-oggetti elevati kienu fil-kustodja tad-Dwana u jgibu r-referenza tad-Dwana B/B66/2002. Ipprometta li f'seduta ohra jesebixxi kampjun minn dawn il-pakketti tas-sigaretti.

Fid-19 ta' Lulju 2005 xehed **Joseph Borg** li fuq talba tal-prosekuzzjoni esebixxa zewg kampjuni tas-sigaretti tal-Marka Rothmans Blu wiehed bil-faxxa tad-dazju roza li gie mmarkat bhala Dok. JBD1 u l-iehor bil-faxxa blu li gie mmarkat Dok. JBD2. Dawn kienu parti mis-sigaretti maqbuda.

Fis-6 ta' Mejju 2005 xehed **Paul Scicluna** ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT li esebixxa *letter to prosecute* li hija esebita bhala Dok. PSA1, liema ittra hija ffirmata minnu f'isem il-Kummissarju tal-VAT mahruga fil-konfront ta' Rita Spiteri.

Fis-6 ta' Mejju, 2005 xehed **Frank Tartaglia** in rapprezentanza tal-Evaluation Section tad-Dwana. Dwar dan il-kaz qal li s-sezzjoni tal-Enforcement tad-Dwana kienu ghaddewlhom kampjuni ta' sigaretti li kienu nqabdu, jghid li tawhom il-valur ta' 25c fuq kull pakkett.

In kontro-ezami spjega li l-valutazzjoni saret billi ttiehdu kampjuni ghand is-Central Cigarettes f'Malta u din imbaghad tghidilhom jekk is-sigaretti humiex originali jew le u jekk humiex mahdumin lokalment jew barra minn Malta. Sussegwenti ghal din l-informazzjoni, fejn f'dan il-kaz irrizulta li s-sigaretti kienu *counterfeit*, huma waslu ghall-evalwazzjoni taghhom. Qal li hu ra l-kampjuni personalment u fil-fatt kkonferma jixxiebhu hafna mal-original, pero' stqarr li hu mhux espert fil-qasam.

Fis-6 ta' Mejju 2005 xehdet **Connie Mangion** in rapprezentanza tad-Divizjoni tal-Kummerc tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u l-Kompetitivita'. Din esebiet *letter to prosecute* mahruga mid-Direttur Generali Divizjoni tal-Kummerc u fuqha gharfet il-firma tal-istess Direttur Generali. Din giet immarkata bhala Dok. ACM1.

Fis-6 ta' Mejju 2005 xehed ukoll **Bernard Zarb**. Dan iddikjara li fiz-zmien tal-kaz in kwistjoni hu membru tal-Korp tal-Pulizija u kien l-Ufficjal Investigattiv relatat mal-kaz. Muri d-Dok. KB4 ikkonferma li din hija l-istqarrija mehuda lil Rita Spiteri, li hu gharaf prezenti fl-Awla. Ikkonferma li hija kienet inghatat it-twissija skond il-ligi u fuq l-istess gharaf il-firma tieghu, dik ta' ex WPC158 Joanne Zammit kif ukoll tal-

imputata. Gie muri wkoll id-Dok. KB5 li hija s-*seizure note* rigward is-sigaretti in kwistjoni u fuqha gharaf il-firma tieghu u ta' Rita Spiteri. Spjega li f'Mejju 2002 hu kien qed imexxi investigazzjonijiet dwar sensiela ta' kazijiet fejn kienu dahlu ammonti ta' sigaretti li allegatament kienu counterfeit tas-sigaretti tad-ditta Rothmans Blu. Dawn kellhom il-boll li kien kwazi identiku (sottolinear ta' din il-Qorti) ghal dawk originali. Kien sab li peress li dawn kienu kwazi simili ghall-original, kienu qed jitpoggew gewwa *vending machines*, u ghalhekk klijent li jkun qed jixtri minn *vending machine* seta' kien qed jixtri lilhom meta hu minghalih li jkun qed jixtri prodott awtentiku. Waqt l-investigazzjoni kien mar ghandu bniedem u wrieh packet "*Rothmans Blu*" u qallu li kien xtrah minghand il-B & F Supermarket ta' 65, Dingli Street, Sliema li dak iz-zmien kien registrat fuq Dorka Limited.

Fit-2 ta' Mejju 2002 huwa, flimkien ma' dak iz-zmien PC824 Arthur Mercieca, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu, kienu marru ghand dan is-supermarket u staqsa ghas-sidien. Joseph Degabriele kien qallu li hu Direttur tal-Kumpanija. Huwa kien infurmah li kien se jaghmel *search* ghas-sigaretti allegatament *counterfeit*. Fittxew taht il-bank peress li normalment dawn is-sigaretti hekk kienu jinzammu, pero' ma sabu xejn. Degabriele qallu li huma kienu jixtru s-sigaretti minghand il-kumpanija K&L Attard tal-Belt Valletta u li persuna minn din il-kumpanija jmur u jimla l-*vending machine* bis-sigaretti izda huma m'ghandhomx access ghaliha, fil-fatt lanqas cavetta ghaliha m'ghandhom ghax din tkun f'idejn l-istess persuna li jigi jimliha.

Ix-xhud zied jghid li sadanittant huwa kien qed josserva l-impjegati tas-supermarket, u fosthom kien hemm zaghzugh ta' xi wiehed u ghoxrin sena. Minn hemm mar ghand il-K & L Attard, Strada San Paolo, Valletta fejn kellem lil wiehed mid-diretturi ta' din il-kumpanija li qallu li effettivament ic-cavetta tal-*vending machine* li tinsab fil-B & F Supermarket kienet ghand is-sid tas-supermarket. Ghalhekk rega' mar lura ghand is-supermarket fejn talab ic-cwievet lis-sid, wara li qallu lil ma hax gost li dahaq bihom. Dak tfixkel u skuza ruhu. Ix-xhud qal li dak il-hin innota li l-guvni li kien ra qabel,

ma kienx ghadu hemm. Fethu l-*vending machine* u raw li kien kollox sew u nel frattemp dahal il-guvni li semma qabel, ghalhekk hu mar mill-ewwel fuqu u staqsieh fejn kien. Dak wiegbu li kien mar pogga s-sigaretti d-dar tieghu. Dak il-hin tah it-twissija u marru d-dar ta' ommu gewwa 30, Flat 2, Ponsomby Street, Gzira, minn fejn elevaw mitejn tnejn u sittin pakkett (262) pakkett minn dawn is-sigaretti allegatament foloz. Il-guvni stqarr li kienu gidbu dwar ic-cavetta u li sakemm hu mar il-Belt kienu battlu l-*vending machine*. Lura ghand is-supermarket, tkellem mad-Direttur l-iehor, Raymond Borg li qallu li huwa jarma b'van tal-haxix gewwa Paceville, fejn kien iltaqa' ma' Rita Spiteri li dak iz-zmien kienet toqghod Paceville u qaltlu li kellha minn dawn is-sigaretti.

Ghalhekk flimkien ma ex WPC158 Joanne Zammit marru fir-residenza ta' Spiteri, li gharafha bhala l-imputata prezenti fl-Awla u kellimha dwar dawn is-sigaretti. Qal li din ikkollaborat maghhom u minn jeddha tathom tmintax-il (18) pakkett li kienu ghadhom godda, u li kienu identici ghal dawk misjuba fis-supermarket, cioe' dawk elevati mid-dar tal-guvni. Tathom zewg pakketti ohra li kienu jidhru li huma uzati. Wara li nghatat it-twissija, Rita Spiteri qaltlu li hi kienet tahdem gewwa fabbrika bl-isem ta' Paramato fil-Marsa fejn kienet habiba ma' certa Mariella Sciriha. Din kienet qed toffri s-sigaretti ghall-bejgh, dawk bil-boll blu ghall-prezz ta' 70c u dawk bil-boll roza ghall-prezz ta' 80c. Spiteri stqarret li kienet xtrat tliet grosos sigaretti ghaliha personali. Stqarret li kienet iltaqghet ma' Ray Borg tal-B&F Supermarket u dan kien talabha tletin (30) grossa minnhom. Hi qaltlu li kienet hallset lil Mariella Sciriha bil-prezz ta' 80c kull pakketk filwaqt li beghhithom lil Ray bil-prezz ta' 90c kull pakkett. Ix-xhud zied li staqsieha jekk it-toghma ta' dawn is-sigaretti kinitx l-istess bhal tal-original, u Spiteri wegbitu li Mariella Sciriha kienet qaltilha li ghandhom l-istess toghma. Eventwalment tkellem ma' Mariella Sciriha li nfurmatu li s-sigaretti kienet gabithom minghand certu Desmond Falzon minn Hal-Tarxien li in segwitu' meta mitkellem kien qallu li hu kien gabhom minghand wiehed Gharbi u li ma kien jaf xejn dwaru.

In kontro-ezami x-xhud qal li hu kien staqsa lill-imputata jekk kienitx taf li dawn is-sigaretti kienu *counterfeit* u li Spiteri kienet qaltlu li meta hi staqsiet lil Mariella Sciriha dwar it-toghma taghhom, din kienet qaltilha li kellhom l-istess toghma bhal tal-original. Ghalhekk kien staqsieha jekk rathiex haga stramba li sigaretti li kienu jinbieghu bil-Lm1.15c hi kienet qed tixtrihom bl-80c. Spiteri wegbitu li hi kienet issuspettat li forsi kienu misruqin, filwaqt li zguratu li ma kienitx serqithom hi u li kienet riedet is-sigaretti biss ghall-uzu taghha ghax kienet tpejjep hafna. Tathom lil Ray tal-B&F Supermarket ghax kien talabha hu.

Illi fis-6 ta' Mejju 2005 xehed l-**Ispettur Kevin Borg** li esebixxa stqarrija mehud lill-imputata fit-2 ta' Mejju 2002. Din giet immarkata bhala Dok. KB4. Esebixxa wkoll *seizure note* rigward is-sigaretti li nstabu fil-pussess tal-intimata, liema dokument gie mmarkat Dok. KB5.

Fit-18 ta' Jannar 2006 rega xehed l-**Ispettur Kevin Borg** li esebixxa in-nota tieghu f'isem il-Kontrollur tad-Dwana fejn talbu li jsiru emendi fl-akkuzi, liema dokument gie esebit bhala Dok. SNM1.

Fl-24 ta' Gunju 2008 xehdet **Mariella Sciriha** fejn wara li nghatat it-twissija skond il-ligi mill-Qorti, ddikjarat li stante li hi kienet ghaddejja proceduri kriminali quddiem Qorti diversament presjeduta in konnessjoni ma' fatti relatati ma' dan il-kaz, kienet ghazlet li ma tixhedx biex ma tinkriminax ruhha.

Fl-24 ta' Gunju 2008 xehed **Raymond Borg** li ddikjara li huwa wkoll kien ghaddej minn proceduri kriminali relatati mal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant wara li nghatatlu t-twissija mill-Qorti, ghazel li ma jixhedx biex ma jinkriminax ruhu.

Fl-24 ta' Gunju, 2008 xehed **Mario Grech** in rapprezentanza tal-British American Tobacco, ex Central Cigarettes. Meta gie mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk kienx ra s-sigaretti li allegatament kienu nvoluti f'dan il-kaz odjern, qal li ma rahomx.

**Mario Grech** rega' xehed fl-14 ta' Ottubru 2008. Dan qal li kien inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Maurice Curmi sabiex jispezzjona *brand* ta' sigaretti li kienu mizmumin id-Dwana. Dawn kienu diga' gew certifikati mill-kollega tieghu John Chetcuti meta l-kumpanija kien jisimha Central Cigarettes, pero' sadanittant dan ma kienx baqa' jahdem mal-British American Tobacco. Fil-fatt Chetcuti kien hareg certifikat li s-sigaretti in kwistjoni kienu kontrafatti. Huwa rega' spezzjona s-sigaretti f'Lulju tal-2008, w lilu wkoll irrizultalu li kienu kontrafatti. Qal li s-sigaretti li ezamina kienu ghaxar (10) tal-marka Rothmans Blu.

Fl-14 ta' Ottubru 2008 xehed l-**Ispettur Arthur Mercieca** li ddikjara li fit-2 ta' Mejju 2002, huwa flimkien mal-ex Spettur Berard Zarb, li kienu stazzjoni l-Economic Crimes Unit, kienu ghaddejjin b'ezercizzju rigwardanti sigaretti kontrafatti tal-marka Rothmans. Ftakar li fit-2 ta' Mejju 2002 kienu marru go supermarket bl-isem B&F supermarket f'Tas-Sliema minn fejn kienu elevaw mitejn u tnejn u sittin (262) pakkett tal-marka Rothmans Blu li kienu suspettati bhala kontrafatti. Wiehed mis-sidien, Joe Degabriele, kien qalilhom li siehbu, Raymond Borg kien xtara l-imsemmija sigaretti. In segwitu' Raymond Borg kien indikalhom li kien xtara s-sigaretti minghand certa Rita Spiteri.

Fl-20 ta' Jananr 2009 xehed **Dr. Martin Bajada** li pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti diversament preseduta bid-digriet tad-19 ta' Lulju 2005. Din ir-relazzjoni giet immarkata bhala Dok. MBA.

Minn ezami tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada jirrizulta li huwa kien gie nominat b'digriet tad-19 ta' Lulju 2005 sabiex jezamina l-awtenticita' o meno tad-dokumenti markati bhala Dok. JBD 1 u JBD 2 konsistenti f'zewg pakketti sigaretti tal-marka Rothmans King Size.

Illi l-espert wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*Illi mill-analizi komparattivi jirrizulta bic-car illi Dok. JBD1 u JBD2 huma differenti minn xulxin.*

*Illi fil-kaz ta' Dok. JBD1 il-boll twahhal wara l-outer wrapping tal-pakkett tas-sigaretti kif jirrizulta mill-qatgha li hemm fir-wrapping fil-genb tal-pakkett.*

*Illi fuq Dok. JBD1 il-micro printing huwa nieqes ghal kollox u dak li suppost jaqra "DAZJU EXCISED DUTY" huwa ghal kollox illegibbli.*

*Illi fil-kaz ta' Dok. JBD2, il-boll twahhal qabel l-outer wrapping u huwa iktar reali meta imqabbel mal-boll originali. Pero' meta thares lejn il-micro printing taht magnification jirrizulta li fit-tieni linja u fit-tletta-il linja, li hija l-ahhar linja hemm diskrepanza fil-micro printing li tirrizulta mill-character spacing tal-klime "DAZJU EXCISED DUTY".*

*Illi, ghaldaqstant, meta l-esponenti jikkonsidra d-differenzi li jirrizultaw mill-analizi komparattiv kemm fil-pakketti tas-sigaretti, kif ukoll fil-boll f'Dok. JBD1 u Dok. JBD2, l-espert jijkkonkludi li kemm Dok. JBD1 kif ukoll JBD2 ma humiex pakketti tas-sigaretti originali tal-marka Rothmans King Size u l-boll fiz-zewg pakketti tas-sigaretti huma foloz.*

Fl-20 ta' Jannar 2010 rega' xehed **Paul Scicluna** ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT u esebixxa *letter to prosecute* emendata u korretta. Din giet immarkata bhala Dok. SPS1 u kkonferma li hija ffirmata minnu f'isem il-Kummissarju tal-VAT u hija mahruga fil-konfront ta' Rita Spiteri.

Fit-2 ta' Gunju 2010 rega' gie imharrek biex jixhed **Raymond Borg** li ghal darba ohra ghazel li ma jixhedx biex ma jinkriminax ruhu.

Fil-11 ta' Jannar, 2011 regghet xehdet **Mariella Sciriha** u ddikjarat li l-proceduri li kien hemm fil-konfront taghha in relazzjoni ma' dan il-kaz, kienu gew decizi definittivament. Ikkonfermat li kienet qalet lill-pulizija li kienet ghaddiet xi sigaretti lil Rita Spiteri, li gharfet bhala l-imputata prezenti fl-Awla. Spjegat li min kien taha s-sigaretti kien qalilha li hu kien xtrahom ghalih u sabhom jaharqu u ghalhekk talabha tbieghhomlu. Qalet li kien taha xi tletin (3) stikka sigaretti u lill-imputata ghaddietilha xi ghoxrin (20) stikka. Spiteri kienet hallsitha seba' Liri (Lm7) ghal kull stikka.

Kompliet tghid li dan li kien taha s-sigaretti biex tbieghhom kien wiehed tal-familja. Qalet li issa nsiet kemm kienet tixtri s-sigaretti dak iz-zmien, imma taf li bieghhethom lil Spiteri xi seba' (7) snin ilu. Qalet li hi u Spiteri dak iz-zmien kienu jahdmu flimkien , u darba waqt il-break qaltilha b'dawn is-sigaretti u Spiteri talbitha ggibilha ammont ta' sigaretti. Qalet li s-sigaretti li ma kinitx bieghet, kienet pejpithom hi. Ikkonfermat li bieghet lilll-imputata sigaretti tal-marka Rothmans Blu.

Rat illi fl-24 ta' Gunju, 2014 il-kawza kienet thalliet Sine Die ghaliex l-imputata kienet ilha ma tidher il-Qorti zmien twil.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2014 fejn wara li rat l-Artikolu 402(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet ordnat ir-riappuntament tal-kawza ghas-26 ta' Awissu 2014 sabiex tara jekk il-Prosekuzzjoni kellhiex informazzjoni x'taghti dwar l-imputata bil-ghan li jigi registrat progress u fin-nuqqas li l-imputata tidher il-Qorti, l-kawza terga' tithalla Sine Die.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Awissu, 2014 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputata kienet tinsab barra minn Malta u kienet qed tkun investigata fuq reat ta' drogi. Ghaldaqstant il-kawza regghet thalliet Sine Die riappuntabbli una volta l-Prosekuzzjoni jkollha taghrif dwar l-imputata.

Rat ir-rikors prezentat mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Marzu 2017 fejn talab li din il-kawza tkun riappuntata, kif ukoll id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti rriappuntat il-kawza ghall-4 ta' April, 2017.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2017 id-Difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2017 fejn wara l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna sejba ta' sigaretti li rrizultaw li huma kontrafatti, li nstabu fil-pussess tal-imputata. Jinghad li dwar l-awtenticita' o meno ta' dawn is-sigaretti jidher li hemm qbil bejn il-partijiet, u cioe' li dawk is-sigaretti li jinsabu deskritti fis-*Seizure Note* esebita a fol. 32 markata bhal Dok. KB5 huma fil-fatt kontrafatti u *ergo* mhux awtentici. Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda moghtija minn Mariella Sciriha, li hija kienet bieghet lill-imputata tletin stikka sigaretti, li kienet taf li kienu foloz, sabiex tbieghhom. Illi ghall-ewwel Mariella Sciriha ghazlet li ma tixhedx peress li setghet tinkrimina ruhha peress li kienet ghaddejja minn proceduri kriminali, pero' wara meta il-kaz taghha gie deciz b'mod definittiv hija xehdet u kkonfermat li xi seba' snin qabel ma xehdet kienet bieghet xi sigaretti lill-imputata. Illi l-Prosekuzzjoni pero' ma

pprovatx li s-sigarett li nstabu ghand l-imputat kienu fil-fatt l-istess sigaretti li kienet bieghetilha Mariella Sciriha.

Illi l-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputata bir-reat li jikkoncerna tqeghid fic-cirkolazzjoni jew bieghhet merkanzija b'sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe' sigaretti tal-marka Rothmans, li immanifatturat jew qassmet bi skop ta' qliegh sigaretti tal-marka Rothmans bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur, iffalisifikat cedola, polza, dokument jew ordni illi meta jigu prezentati jista' dak li jkun jircievi hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu, talli xjentement ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentitku jew fi skrittura ghamlet xi tibdil fil-firem, talli ghamlet uzu minn dokument falz u talli xjentement kellha fil-pussess taghha sigaretti bla ma thallas id-dazju fuqhom stante li l-oggetti kienu *counterfeit* u bil-faxxa tad-dazju tas-SISA falsifikata u talli xjentement iddisponiet minn sigaretti.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lill-Ufficcjali tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz u cioe' lill-ex-Spettur tal-Pulizija Bernard Zarb u lill-ex-Spettur Kevin Borg, li kienu nvestigaw lill-imputata. F'dawn l-atti giet esebita stqarrija li din kienet irrilaxxjat, liema stqarrija inghatat minghajr ma nghatalha d-dritt taghha li tkun assistita minn avukat tal-ghazla taghha. Ressqet ukoll lir-rapprezentanti tal-VAT u tad-Dwana jxhdu u jikkonfermaw il-*Letter to Prosecute*. Ressqet ukoll lil certu Raymond Borg li ghazel li ma jixhedx peress li seta' jinkrimina ruhu. Ressqet ukoll lil Mariella Sciriha. Din fil-fatt ikkonfermat li xi seba' snin qabel ma tat id-deposizzjoni taghha, kienet tat tletin stikka sigaretti Rothmans lill-imputata sabiex tbieghhom. Fl-ebda hin pero' ma giet mistoqsija tara l-esebiti u tikkonferma jekk dawk is-sigarett li gew elevati mill-pulizija fil-fatt kienu l-istess sigaretti li hija kienet bieghhet lill-imputata.

Il-Prosekuzzjoni ppezentat ukoll l-istqarrija li kienet irrilaxxjat l-imputata nhar it-2 ta' Mejju 2002 immarkata bhal Dok KB4 esebita a fol. 30 tal-process u l-Ufficjali Investigattivi u Prosekuturi ghamlu hafna referenza ghal din l-istqarrija waqt li iddeponew.

Illi l-abbli difensur tal-imputata jissolleva l-linja difensjonali in konnessjoni mal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fejn jikkontendi allura, illi l-Qorti ghandha tiskartaha bhala prova billi l-istess stqarrija ttiehdet bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali taghha ghal smiegh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrija ttiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dina giet rilaxxjata minghajr ma l-imputata inghatat dritt li tiehu parir legali qabel ma ghamlet dan.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-Prova Regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi madanakollu dina l-istqarrija ttiehdet minghajr ma l-imputata inghatat l-opportunita' li tikkonsulta ruhha ma' avukat jew tiehu parir legali. Dana ghaliex il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li jkollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010 illi d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data ta' l-10 ta' Frar 2010.

Illi dina l-linja difensjonali tqajjmet in segwitu' ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Alvin Privitera"**, **"Il-Pulizija vs**

**Mark Lombardi"** u **"Il-Pulizija vs Esron Pullicino"**[1]. Illi minn qari akkurat ta' dawn id-decizjonijiet jirrizulta inkonfutabbilment illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika wkoll ghall-*pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-Artikolu 6(3)(c), li jipprovdi dwar l-assistenza legali, ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dan il-punt huwa illum iccarat bid-dhul tad-Direttiva tal-Ewropa numru 48/2013, li tipprovdi li bniedem ghandu dritt li jkun assistit minn avukat mill-mument li qed jigi kunsidrat bhala *'suspect'* u dan qabel ma ssir l-investigazzjoni. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dan id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk, kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar posizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Dana kollu madanakollu ghandu jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha, fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa issostanzjat minn provi ohra indipendenti, allura l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr, ma ttiehed il-parir legali, ma hijiex wahedha ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija. Izda jekk l-uniku prova li ghandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzata fl-istqarrija taghha minghajr ma hija kellha l-opportunita' li tikkonsulta ruhha ma' avukat u ghalhekk thejji d-difiza taghha billi ma tinkriminax ruhha fi stadju fejn hija prezunta li ghadha innocenti, allura iva, dik il-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem qorti tal-gustizzja kontra l-imputata hija leziva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

[1] *Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.*

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "**Il-Pulizija vs Alvin Privitera**": "*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett.*

*Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...Dan id-dritt tal-akkuzata ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa irrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.(sottolinjar tal-Qorti).*

*Illi f'dan il-kaz l-imputat irrilaxja stqarrija meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu.*"

Il-Qorti kompliet:

"*Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc..*"

Illi fil-kaz in dezamina ma hemmx dubbju li l-istqarrija tal-imputata giet rilaxxjata fiz-zmien meta l-ligi vigenti ma kinitx taghti dritt lill-persuna interrogata li tikseb parir legali. Kwindi l-imputata inkriminat ruhha meta rrilaxxjat il-konfessjoni taghha minghajr ma kienet konsapevoli tal-fatt illi b'dak li kienet qed tghid hija kienet, kif jghid il-qawl Malti, 'ser titfa' l-gebla fuq saqajha'.

Ghalhekk, din il-Qorti mhix sejra ticcensura d-difiza ghall-mod kif irragunat f'dan l-istadju peress illi dak kien jirrifletti l-gurisprudenza u l-hsieb akkademiku li kien ezistenti sa dakinhar li nghatat is-sentenza fuq imsemmija. Sussegwentement, però, saru zviluppi ohra fejn il-kwistjoni giet determinata mill-gdid fil-kawzi Kostituzzjonali "**Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali**" deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, mill-Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali "**John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l -Avukat Generali**" fil-31 ta' Ottubru 2012, mill-Appell Kriminali (Ghawdex) "**Il-Pulizija versus Paul Cutajar**" tat-8 ta' Gunju 2013 u aktar ricenti minn dik il-Qorti stess kif fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija kontra Ninian Mangion**" tal-10 ta' Lulju 2014.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex taghmel referenza ghal dawn is-sentenzi u a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel pjena riferenza lejhom, izda in succint tghid biss illi ghal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet moghtija qabel ma dahlet fil-ligi l-emenda tal-10 ta' Frar 2010 fejn tat dritt lil kull indagat illi jkun assistit minn avukat fil-bidunett tal-arrest tieghu, tirrileva li dak li ghandha taghmel il-Qorti huwa biex tara jekk l-istqarrija hijiex ikkorroborata minn xhieda ohra.

Fil-kaz in desamina l-uniku xhud iehor li xehdet hija pajzana, cioe' Mariella Sciriha, li kkonfermat li seba' snin qabel meta ntalbet tixhed f'dawn il-proceduri u ghalhekk fis-sena 2004 ikkonfermat li kienet tat tletin stikka sigaretti tal-ghamla Rothmans lill-imputata sabiex tbieghhom. Illi pero' l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex taghmel *nexus* bejn dawk is-sigaretti li Mariella kienet bieghet lill-imputata u dawk li nstabu ghand l-imputata seba' snin wara. Illi ghalhekk in vista ta dan in-nuqqas serju, u cioe' tan-*nexus,* il-Qorti ma thossx li ghandha taghti piz lil din ix-xhieda.

Ghalhekk l-uniku xhieda li hemm ta' certu relevanza hija dik tal-Ispettur Bernard Zarb li kkonferma li kien ha parti fis-*search* li kienet saret ghand l-imputata u li kienu gew

elevati minghandha, kif hemm indikati fis-Seizure Note fuq imsemmija, ammont sotanzjali ta' sigaretti li wara bl-ghajnuna tal-espert nominat mill-Qorti rrizulta li kienu foloz. Importanti pero' li jigi enfasizzat dak li qal l-Ufficcjal Investigattiv Bernard Zarb li '*dawn il-pakketti tas-sigaretti kellhom il-boll kwazi idenitiku ghall-originali.*' Qal ukoll li *'kienu simili hafna u kienu qed jitpoggew gewwa l-vendinh machines.'* Tant kienu simili li jghid li li b'hekk *'il-klijent seta' jissupponi li kien prodott awtentiku'.* Jinghad li dawn is-sigaretti nstabu fil-fond B&F Supermarket. Bhala sid is-supermarket irrizulta li kien Joseph Degabriele. Meta dan gie mitkellem qal li kienu jixtru s-sigaretti minghand kumpanija bl-isem K & L Attard li tinsab il-Belt. L-Ufficjal Investigattiv qal li wiehed mill-impjegati li kienu f'dan il-hanut qallu li ma kellhomx cavetta tal-vending machine u ghalhekk hu mar ikellem lid-dirigenti tas-socjeta' K & L Attard, pero' dawn ikkonfermawlu li minkejja li verament jimlew il-vending machine, ic-cavetta tinzamm fil-hanut B & F Supermaket. Ghalhekk il-pulizija regghu kellmu lil dan Degabriele u qalilhom li kien jiddispjacih li kien svijahom u wara xi hin tahom ic-cavetta tal-vending machine. Qal li dak il-hin wasal id-Direttur l-iehor Raymond Borg u fil- presenza taghhom gew elevati s-sigaretti. Irrizulta li kien dan Raymond Borg li kien informa lill-pulizija dwar Rita Spiteri u li kienet hi li bieghetilhom is-sigaretti. Jinghad pero' li dan Raymond Borg ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma hemm l-ebda *link* bejnu w bejn l-imptutata salv dak li ntqal lill- Ufficcjal Investigattiv waqt l-investigazzjoni. Dak li jintqal izda ma jikkostitwixxix prova jekk ma jinghadx fil-presenza tal-imputata, li f'dan il-kaz ma garax. Kull ma l-imputata qalet lill-Ispettur huwa irrelevanti peress li ma jikkostitiwixxi l-ebda prova legali u ghalhekk qed jigi skartat.

Ghalhekk fil-kwadru tal-fatti kif fuq esposti, ma hemm l-ebda prova dwar il-partecipazzjoni tal-imputata odjerna ghar-reati in kwistjoni.

Jinghad li kieku l-imputata kienet giet akkuzata bir-reat ta' ricettazzjoni, seta' kien il-kaz li tali akkuza tirrizulta, pero' zgur li l-akkuzi odjerni ma jirrizultawx provati.

Dwar ir-reat ta' evazjoni ta' dazju jinghad li ghandu jirrizulta li l-imputata kellha l-pussess xjenti tal-merkanzija, u cioe' li kienet taf li s-sigaretti kienu kontrafatti. Issa mix-xhieda mressqa, u anke mill-espert nominat mill-Qorti, kollha jghidu li l-merkanzija kienet simili hafna ghall-original, tant li anke kellha il-boll ghalkemm impostat f'posizzjoni differenti. Zgur li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-elemenet ta' xjentar rikjest ghall-ezistenza tar-reati taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 167, 169, 183, 184, 298(1)(f), 298B (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 60 (a) (b) (c ) (k); l-Artikolu 62 (a) (b) ( c ) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, u l-Artikoli 16 (j) u 17 tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta; u wkoll bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998) u Kap. 336 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur ta l-Artikolu 62 ( a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u 7 (1), u 12 (1) ta' Att XXXI ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni tal-Prodott Lokali u tiddikjara li ma ssibx lil-imputata RITA SPITERI hatja tal-akkuzi u tilliberaha minnhom.**

**Cio' nonostante il-Qorti qeghda tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sigaretti esebiti u tordna lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jaghmel rapport li ghandu jigi pprezentat fl-atti ta' din il-akwza dwar id-distruzzjoni tal-istess.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

*Illum 14 ta' Novembru, 2017.* *Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.*